MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 25

21 ta' April 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.32pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kienu preżenti fil-ħin.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

25.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha l-ebda ittra t'apoloġija.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 24 ġew approvati.

## 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 *Konferenza Stampa*

Is-Sur Cordina qal li se ssir konferenza stampa fi Pjazza Tumas Dingli, fuq l-istorbju nhar is-Sibt, 9 ta' Mejju 2026 fl-10 ta' filgħodu. Hu qal li se jiltaqa' mas-Sindki, il-Ħamis, 23 ta'April biex jiddiskuti kif ħa jiżvolġu l-affarijiet.

25.3.2 *Kuntratt Ġbir tal-Iskart*

Is-Sur Cordina qal li għandu laqgħa tar-Reġjun u li waqt din il-laqgħa kien se jissuġġerixxi li jieqfu l-pagamenti tal-kuntrattur tal-iskart. Is-Sur Cordina qal li l-kuntrattur ilu ħames snin u s-sitwazzjoni ma tjiebet xejn. Ma jimpurtax li jibda jiġbor qabel imma li ma jerġax jgħaddi mit-triq u min joħorġu fil-ħin jħallihulu hemm. Kompla jgħid li biex ikun ġust hu jibgħatlu privatament u dejjem jaqdieh. Imma rrimarka li wara ħames snin għadhom jiġu rrepetuti l-istess żbalji. Is-Sinjorina Portelli qalet li nzertat ukoll karozza tieqaf u tifel jinżel jitfa' l-iskart mal-munzell. Is-Sur Cordina qal li jista' jkun li jkun għadda mit-triq tagħhom u l-ewwel munzell li jaraw jitfgħu miegħu, li hu ħażin ukoll.

Dr. Musumeci u Dr. Caruana qalu li t-tnejn li huma dejjem jinzertawh huma u ħerġin, filwaqt li s-Sur Bonnici gerger għal 8 boroż suwed fi Triq Ħaż-Żebbuġ li kienu ilhom hemm. Dr. Cassar qal li forsi mhux tal-iskart imma tal-knis, imma s-Sur Cordina qal li jaf kienu tal-iskart u ma nġabrux, jekk qed jirreferi għal ħdejn l-isqaq ta' qabel l-Allwoods and Steel.

Is-Sur Mangion qal li jaqbel imma saqsa x'riperkusjonijiet jista' jkun hemm? Is-Sur Cordina qal li l-kuntratt wasal biex jiġġedded għax inħareġ għall-10 snin u kellu jiġġedded wara ħamsa u kien ħa jissuġġerixxi li forsi tiġi emendata is-sistema u l-ħġieġ jinġabar mar-riċiklaġġ fit-trakk b'kompartimenti separati. Kif qiegħed bħalissa, qed jinġabar mal-iskart organiku. Hu kompla jgħid li l-Kunsill ta' Ħ'Attard kienet l-ewwel lokalità li kellha trakkijiet bis-*separator*.

Is-Sur Ciantar saqsa għala ġieli kellu ilmenti li minn dar privata jiġbor borża waħda minn tnejn. Is-Sur Cordina qal li ma jistax kollox irid jinġabar barra ġebel u li jista' jsir ilment mal-Uffiċċju.

25.3.3 *European Week of Regions and Cities*

Is-Sur Cordina qal li ġie mistieden biex jattendi din il-konferenza fi Brussell bejn it-12-14 ta' Ottubru. Qal li l-Per Diem trid però tinħareġ mill-Kunsill. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

25.3.4 *Attard Football Club*

Awgura lill-klabb għall-promozzjoni u rebħ tal-kampjonat.

## 25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

25.4.1 Ralph Cassar

- Qal li qed isewwu l-kurduna ta' Masġar Pierre Muscat. Is-sistema tat-traffiku ġiet imdawwra wkoll sakemm jitlestew ix-xogħolijiet.
- Saqsa fuq ix-xogħol biswit il-Kappella ta' San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha laqgħa appuntu fuq fejn ġej il-*metre* tad-dawl, li kellu jiżdied arblu u hekk kif dan ix-xogħol ikun lest Infrastruttura Malta tkun tista' tipproċedi bl-applikazzjoni għad-dawl.
- Saqsa fuq jekk hux se jsir il-passaġġ fi Triq Victor Vassallo ma' Triq il-Linja. Is-Sindku qal li ġaladarba kien fil-pjanta aħjar isir min-naħa ta' Infrastruttura Malta. Is-Sur Cordina qal li problema simili teżisti fi Triq Sant'Anton. Il-*culverts* huma difettużi imma żgur mhux sa jissewwew mill-Kunsill għax tintilef il-garanzija. Dr. Cassar qal li hemm siġar fis-Central Link kollha mgħawwġin, il-pont tal-linja tal-ferrovija li hemm biċċa nieqsa li qatt ma sewwew u kollha rrapurtati.
- Saqsa fuq *update* fuq ix-xogħolijiet ta' Pjazza Tumas Dingli. Is-Sur Cordina qal li l-Perita qalet lix-xogħol kellu jitlesta sa l-aħħar ta' Mejju.

25.4.2 Nicole Portelli

- Qalet li kellha lment fuq il-bandli ta' Ġnien il-Kunsill. Dr. Cassar qal li jista' jkun hemm xi skalda. Is-Sur Cordina qal li se jaraw x'hemm bżonn isir forsi hemm ukoll xi skema tal-Gvern Ċentrali.

25.4.3 Alex Mangion

- Qal li ġie avviċinat minn persuna b'diżabilità li ma setgħatx tidħol fil-garaxx minħabba trakkijiet tal-merċa pparkjati quddiem l-entratura. Is-Sur Cordina qal li jistgħu isiru *double yellow lines* imma ma jistax isir parkeġġ quddiem l-entratura tal-garaxx tagħha.

25.4.4 Paul Ciantar

- Qal li hemm vann bil-kaxxa pparkjat fi Triq Karm Debono u issa minn wieħed ġew tnejn. Is-Sur Cordina qal li dawn irrapportati mal-Pulizija tal-Komunità. Reġa' semma wkoll it-trakk ta' Triq l-Imdina li qed jostakola l-vista taż-*zebra crossing* u li hu ta' periklu kbir. Kompla jgħid li se ssir xi diżgrazzja.

25.4.5 John Bonnici

- Saqsa jekk jistax isir xi ħaġa fuq it-tinda li kien hemm qabel u issa minflokha sar ħadid biex ikunu jistgħu jistkennu l-anzjani fix-xitwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Project Green qed jippruvaw isibu minn jissupplixxu plastik li tintlibes fuq kollox kif kien hemm qabel.

## 25.5 Rapporti

25.5.1 Ma kienx hemm rapporti 2026.

## 25.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

25.6.1 ***Skema ta' Appoġġ għal Spazji ta' Rekreazzjoni Miftuħa, Żoni ta' Logħob Sensorjali u Żoni Ħodor li jinkludu Dog Parks jew Cat Cafes 2026***

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni ħa tkun suġġetta għal dawn il-fatturi:

a. Ħtieġa u Domanda fil-Komunità (20%)
b. Adekwatezza tal-Lokalità (20%) (Kemm hi meħtieġa din il-faċilità fil-komunità)

- Is-sit għandu jkun aċċessibbli għar-residenti (trasport pubbliku, disponibbiltà ta' parkeġġ), spazjuż biżżejjed biex jakkomoda diversi faċilitajiet bħal żona fejn il-klieb jistgħu jinħallew mingħajr ċinga, mogħdijiet għall-mixi, u postijiet fejn wieħed jista' joqgħod bilqiegħda, u t-terren għandu jkun sigur.
- Is-sit propost għandu jkun ġewwa Żona ta' Żvilupp Urban.
- Id-daqs minimu meħtieġ tal-art huwa ta' 1,500 metru kwadru (sqm).
- L-użu tal-art għandu jkun allokat kif ġej:
  - 80% dedikat għall-pajesaġġ jew spazju aħdar.
  - 20% allokat jew għal park tal-klieb jew cat café.
- Il-proposta m'għandhiex tinvolvi t-tneħħija jew trapjant ta' siġar eżistenti.
- Għandha tiġi pprovduta prova tad-devoluzzjoni tal-art.
- M'għandux ikun hemm park tal-klieb jew cat café eżistenti fl-istess lokalità. Madankollu, jekk ikun hemm park tal-klieb jew cat café li jista' jiġi msebbaħ fil-lokalità, dan jitqies ukoll.
- Għal proposti ta' cat café, għandu jinżamm spazju separat bejn il-kafetterija u ż-żona mħaddra.

Il-punti mqajjma kienu li m'hemmx żona daqshekk kbira, id-devoluzzjoni tal-art, il-ħtieġa ta' dawl u ilma, l-ikel biex jintemgħu il-klieb u qtates u li jrid ikollok *steward,* impjegat li jieħu ħsieb kollox, apparti l-manutenzjoni in se tal-post. Peress li ma hemm l-ebda minn dawn il-fatturi disponibbli biex il-Kunsill jipproċedi d-diskussjoni waqfet hemm.

25.6.2 *Ġemellaġġ*

Is-Sur Cordina qal li se jħalli f'idejn is-Sur Bartolo.

Is-Sur Bartolo qal li l-*Comune di Brembana* bagħtu l-*Agreements* li se jiġu ċċirkulati mal-minuti li jmiss. Dawn qegħdin bl-Ingliż u bit-Taljan. Is-Sur Bartolo qal li qed jikkunsidraw li jsir ieħor bil-Malti. Dr. Caruana qalet li ma din il-lokalità kien ġa ġie iffirmat *Memorandum of Understanding.* Hu qal li l-*Agreements* se jiġu iffirmati wkoll mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tagħhom. Dr. Caruana saqsiet jekk għandhomx il-kapaċità bħalha Kunsill jaġixxu waħidhom? Is-Sur Bartolo qal li dejjem hekk sar u kull ftehim ġie iffirmat bejn il-Kunsilli imma tagħhom se jiġi *endorsed* mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Hu kompla jgħid li ilu jipprova jagħmel kuntatt mal-Kap tal-Iskola Primarja, Ms. Josette White, minħabba li l-programm jinsab finalizzat u l-*Comune di Brembana* jridu laqgħa onlajn mal-iskola nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Lulju 2026 fis-6.30 ta' filgħaxija. Is-Sur Cordina qal li se jitkellem magħha u jinforma lill-Kunsill.

## 25.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

25.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet iċċekkjat minn Dr. Caruana. Dr. Caruana saqsiet fuq items 14-19 jekk JF Mallia hux b'tender. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li iva b'tender u fuq item 36 Stephen Franck Bonello. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan hu l-persuna li bniet il-ferrovija tal-kartun u li xtara s-seratizzi biex din ma tikkrollax. Saqsiet ukoll fuq item 98 Reuben Brincat u ntqal li dawn huma l-*insurances* tal-vannijiet, kif ukoll fuq il-Perit tal-Kunsill. Ġie spjegat mis-Sur Cordina li l-Perit hu Neil Markham li wkoll wasal biex jiskadilu l-kuntratt imma li Dieter kompla fuq xi proġetti mibdija mill-Kunsill.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Paul Ciantar        Sekondant: Dr. Helen Caruana

L-iskedi ġew approvati.

## 25.8 Mozzjonijiet; u

25.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 25.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.18pm u ġiet aġġornata għad-19 ta' Mejju 2026 fil-5.30pm

Konfermati illum, 19 ta' Mejju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |